TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

CCT/183/13/S

Anthony Seychell
Vs
Brittania Services Limited

Illum 24 t'April,2014.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Anthony Seychell ipprezentata fil-31 ta'Lulju,2013 u r-risposta tas-socjeta Brittania Services Limited ipprezentata fil-15 t'Ottubru,2013;

Ra d-dokumenti pprezentati, sema' lill-partijiet u t-trattazzjoni fit-28 ta'Frar,2014;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba ghal kumpens daparti tar-rikorrent tal-flus li kien hallas bhala 'tips' wara li kien intilef meta l-grupp kien f'Dover;

Illi jinghad mal-ewwel li min jallega jrid jipprova u dan fuq l-istregwa tal-massima "*incumbit probation ei qui dicat non ei qui negat*" (ara sentenza tal-Qorti tal-Appell Sede Inferjuri fl-ismijiet 'Gemma Cassar Saetta vs Imco Distributors Limited' moghtija fit-13 ta'Jannar,1999);

Illi mhuwiex kontestat li r-rikorrent intilef u dan kien ta' inkonvenjent, apparti ta' inkwiet, ghall-grupp kollu li kellu jaqsam mill-Ingilterra ghall-Belgju fejn kienu alloggjati;

Illi jidher ukoll mix-xhieda li r-rikorrent allontana ruhu minn hdejn il-vettura tal-grupp u konsegwentement intilef;

Illi r-rikorrent donnu mhux konxju li b'dak li gralu, ikkawza inkonvenjent u inkwiet lir-rapprezentant tas-socjeta intimata u lill-grupp kollu;

Illi fil-fatt b'konsegwenza tad-dewmien sakemm ir-rikorrent instab, il-grupp tilef il-vjagg lura u b'hekk waslu tard fil-lukanda fejn il-haddiema tal-kcina baqghu jistennew biex iservu l-ikla ta'filghaxija;

Illi fi kwalunkwe kaz, it-talba tar-rikorrent mhijiex gustifikata anki ghaliex dak li ta lix-xufier u lill-haddiema tal-kcina, sar b'mod volontarju minnu;

Illi r-rikorrent fix-xhieda tieghu qatt ma semma' li gie kostrett ihallas xi haga kontra x-xewqa tieghu u konsegwentent, id-decizjoni ahharija x'ta bhala 'tips' ghall-inkonvenjent, kienet biss tar-rikorrent;

Illi mill-provi mressqa, ir-rapprezentant tas-socjeta intimata jidher li ghamel dak kollu possibbli biex isolvi l-intoppi li sehhew;

TRIBUNAL GHAL TALBIET
TAL-KONSUMATUR

CONSUMER CLAIMS
TRIBUNAL

MALTA

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet fuq spjegati u fic-cirkostanzi tal-kaz, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeciedi billi Jichad it-talba ta' Anthony Seychell filwaqt li Jilqa' l-eccezzjonijiet tas-socjeta Brittania Services Limited, b'kull parti thallas l-ispejjez rispettivi ta' dawn il-proceduri.

Richard Sladden Av.
Arbitru